MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1359/2003

**Patrick Pillion ghan-nom u in rapprezentanza tal-bank BNP [SUISSE] SA.u b' nota tal-15 ta' Marzu 2004 l-Avukat Dottor Carmel Chircop assusma l-atti bhala mandatarju specjali minflok Patrick Pillon**
**Vs**
**SMARTA Navigation Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab:

Peress illi l-attur, il-bank esteru BNP Paribas (Suisse) S.A. (Bank) fost il-klijenti tieghu ghandu lis-socjeta' estera Mark Man (UK) Ltd, li skond il-bilanc tal-kotba kurrenti sal-31 ta' Dicembru, 2002 l-istess socjeta' kienet debitrici tal-Bank fl-ammont ta' cirka hdax il-miljun Dollaru Amerikan (USD 11,000,000);

Peress illi bhala garanzija ghad-debitu taghha s-socjeta’ Mark Man (UK) Ltd tat lil Bank ‘pledge’ fuq id-dokumenti u l-merkanzija taghha, inkluz fosthom diversi poloz ta’ karigu li gew konsenjati u assenjati lil Bank, rappresentanti merkanzija mixtrija mill-istess socjeta’ Mark Man (UK) Ltd u moghbija mill-port tal-Ukraina;

Peress illi r-recevitur tal-merkanzija kienet is-socjeta’ Olandiza Nidera Handelscompagnia B.V li kellha tircievi l-merkanzija u thallas il-Bank l-valur tal-merkanzija;

Peress illi l-merkanzija in kwistjoni kienet giet moghbija abbord il-bastiment registrat Malta bl-isem ‘SMARTA’, proprjeta tas-socjeta’ konvenuta Smarta Navigation Ltd;

Peress illi l-attur sar jaf illi l-kaptan tal-bastiment Smarta rrilaxxa u konsenja l-imsemmija merkanzija lil terzi gewwa l-port ta’ Tarragona, Spanja minghajr presentazzjoni tal-poloz ta’ karigu u minghajr ebda awtorizazzjoni da parti tal-Bank bhala detentur tal-poloz ta’ karigu originali. Rizultat ta’ dan l-agir abbusiv u rresponsabbli, l-Bank sofra danni stante li ma rceviex hlas tal-valur tal-merkanzija;

Peress illi l-Bank ghadu fil-possess tal-poloz ta’ karigu originali li jgibu l-firma u s-sigill tal-kaptan tal-bastiment Smarta propjeta tas-socjeta konvenuta.

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija responsabbli tad-danni sofferti mill-attur;

2. Tillikwida l-imsemmija danni;

3. Tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas l-attur id-danni hekk likwidati bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u s-socejta konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha s-socjeta’ konvenuta eccepiet:

1. Illi c-citazzjoni hija irrita u nulla stante li giet pprezentata, u d-dikjarazzjoni mahlufa, minn certu Patrick Pillon li mhuwiex residenti Malta u ghalhekk is-socjeta’ attrici estera ma hijiex idonejament rapprezentata f’din il-kawza skond il-ligi.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju jew din il-kawza ghandha titwaqqaf stante li qeghdin jittiehdu l-istess proceduri fuq il-mertu mis-socjeta’ attrici kontra l-eccipjenti fl-Olanda, u jekk titkompla f’Malta din il-kawza, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-eccipjenti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, stante illi l-attur esebixxa biss kopji sfuzi tal-poloz tal-kariku, l-eccipjenti tirriserva l-posizzjoni legali taghha wara li tanalizza d-dokumenti kollha prodotti mill-attur f’dan ir-rigward.

4. Illi perliminarjament il-gudizzju mhuwiex integru stante li l-azzjoni hija dedotta biss kontra l-eccipjenti, u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi preliminarjament ukoll stante illi s-socjeta eccipjenti mxiet skond il-klawsola tac-charterparty bejnha u s-socjeta’ Mark Man Chartering Ltd., ghandha tigi kjamata fil-kawza l-istess socjeta’ Mark Man Chartering Ltd.

6. Illi fil-mertu, u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq esposti, fil-konfront ta’ l-eccipjenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici stante illi l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghall-ebda danni allegati mis-socjeta’ attrici billi hija mxiet skond ic-charterparty agreement bejnha u bejn is-socjeta’ Mark Man Chartering Ltd. (Dok. TG1).

7. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq esposti, fil-konfront ta’ l-eccipjenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici a bazi tal-Hague Rules li japplikaw ghall-kaz in kwistjoni, in partikolari paragrafu 2 ta’ l-artikolu 4.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri illi jistghu ikunu kompetenti lill-eccipjenti skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati mill-partijiet, u l-listi tax-xhieda.
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni;
Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni;
Ikkunsidrat;

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socejta’ konvenuta, li “c-citazzjoni [ut sic] hija irrita u nulla” stante li mal-prezentata taghha, id-dikjarazzjoni kienet gie mahlufa minn persuna li mhuwiex residenti Malta. Ghalhekk, issostni s-socjeta’ konvenuta, li s-socjeta’ attrici ma kienitx “idoneament rapprezentata” skond il-ligi.

Illi minn naha taghha s-socjeta’ attrici qed topponi ghal din l-eccezzjoni bl-argument li r-rekwiziti kollha imposti mill-ligi in materja huma sodisfatti; u li dawn ma jinkludux, kif qed issostni l-konvenuta, li min jahlef id-dikjarazzjoni kellu jkun bil-fors residenti f’ Malta.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti. Ic-citazzjoni attrici giet prezentata mir-rapprezentant taghha Patrick Pillion li gie Malta appositament u li halef id-dikjarazzjoni relattiva. Dan Pillion la hu ta’ nazzjonalita’ Maltija u lanqas hu residenti Malta.

Fil-15 ta’ Marzu 2004 l-Avukat Dottor Carmel Chircop assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ attrici;[1]

Illi fit-28 ta’ April 2004 s-socjeta’ attrici pprezentat dikjarazzjoni formali fis-sens li “on 16 December 2003 Mr.Patrick Pillon, was fully empowered and had full authority to appear on our behalf before the courts of Malta and to make the necessary declarations for the purpose of filing our writ of summons”[2]

Illi d-disposizzjonijiet tal-ligi relevanti ghal din il-vertenza huma l-Artikoli 180[1], 181A[2] u 187[6] tal-Kap.12; kif ukoll l-Artikolu 789 tal-istess Kap.

Illi fl-Artikolu 180[1] il-ligi ssemmi, fost il-persuni li jistghu jipprezentaw skritturi fil-Qorti, lil “wiehed mill-persuni imsemmija fis-sub-artikolu [2] ta’ l-artikolu 181A fil-kaz ta’ korp li jkollu personalita’ guridika distinta, jew bhala agent jew rapprezentant ta’ socjeta’ ohra kostitwita skond il-ligi jew bhala prokuratur ta’ persuni li jinsabu barra mill-Gzira ta’ Malta jew ta’ Ghawdex, li hija l-iskrittura tigi pprezentata”. Ukoll l-Artikolu 181A [2] jiddisponi li kull dikjarrazzjoni jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta’ korp li jkollu personalita’ guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta’ dak il-korp. jew kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp ghal dan l-iskop. Meta l-persuni ndikati f’ dan l-Artikolu ma jkunux jinsabu Malta jew ma jezistux, il-Qorti ghandha tahtar kuratur li jidher ghal dak il-korp skond ma hemm provdut fl-Artikolu 929[d].

Mill-premess ghandu johrog car li dak li trid il-ligi huwa li f’ kaz ta’ korp li ghandu personalita’ distinta dan ikun debitament rapprezentat b’ mandatarju f’ Malta, u fin-nuqqas jinhatar kuratur ghal dan l-iskop. Ghalhekk dak li huwa essenzjalment mehtieg fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni huwa li s-socjeta’ tkun debitament

[1] Fol.100
[2] Fol.135

rapprezentata jew minn persuna awtorizzata li tkun fizikament prezenti f' Malta, jew minn kuratur nominat appozitu. Imkien ma hemm indikat, direttament jew indirettament, li r-rapprezentant tas-socejta' li jahlef id-dikjarazzjoni f' Malta ghandu bilfors jkun ta' nazzjonalita' maltija jew li ad validitatem jehtieg li hu jkun prezenti tul il-proceduri kollha. Kemm il-darba din is-socjeta' tkun debitament rapprezentata, anke permezz ta' mandatarju spejcali iehor jew permezz ta' kuraturi, il-vot tal-ligi ghandu jigi kkunsidrat sodisfatt. Ma jehtieg xejn izjed fit-termini tal-ligi, ghax ubi lex voluit lex dixit.

Ghaldaqstant il-Qorti tosserva li ma l-asserzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-att tac-citazzjoni huwa affett minn nullita' huwa insostenibbli kemm fattwalment kif ukoll legalment. Ma hemm ebda nullita' ghax fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni l-vot tal-ligi kif indikata fl-artikoli precitati kien pienament sodisfatt.

Il-premess huwa konformi mad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell [Inf] fil-kawza Commonwealth Education Society Limited vs Adriana Camilleri[3] fejn l-azzjoni giet dikjarata nulla wara li kkunsidrat li "l-prezentata ta' l-avviz promotorju saret minn persuna li fil-mument tal-prezentata ma kienitx Malta u li …. ma kien hemm assolutament xejn x' juri li din is-socjeta' estera kellha lokalment mandatarju in rapprezentanza taghha." Fatti li certament ma jikkonfigurawx fil-kawza odjerna, fejn jirrizulta li mal-prezentata tac-citazzjoni s-socjeta' attrici kienet debitament rapprezetnata minn persuna li fizikament kienet Malta u li anke halfet d-dikjarazzjoni relattiva.

Illi in tema legali jigi osservat li l-gurisprudenza interpretattiva enuncjat is-segwenti principji rigwardanti eccezzjonijiet ta' nullita' ta' atti gudizzjarji.

Il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1985, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-kap.12 hija li, "il-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun

[3] 14 Dicembru 2001 -

aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta’ diversi formu li jinutnuh” [App.28.02.1997 Charles Fino vs Alfred Fabri noe], u konsegwentement “l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli” [App.24.01.1964 Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro] PA (RCP) Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini 19.01.1999].

In-nullita’ tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta’ gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta’ citazzjoni ghandu jkun imwaqqa’ u annulat biss ghal ragunijiet gravi [PA Alfred Vella et vs Agostino Camilleri [1997] Vol.LXXXI.III.31].

Il-principju applikabbli huwa ut magis res valeat quam pereat [App.Civ. ACE Guido Vella vs Dr.Emanuel Cefai – 4.II.99] Il-Qorti ghandha tilqa’ eccezzjoni ta’ nullita’ minhabba non osservanza ta’ formalita, sakemm ma tkun nullita’ li tirrizulta espressament mill-ligi, biss f’ kazijiet fejn jirrizulta li l-konvenut isofri pregudizzju rreparabbli minhabba dan in-nuqqas.[App.Civ. Albert Portelli vs Dr.Riccardo Farrugia [1998] Vol.LXXXII.II.1305]

Inoltre fil-kaz App.Civ. Carmela Bonanno vs Perit Carmel Bonanno [1997] Vol.LXXXII.II.239] gie osservat li il jus superveniens hu mod accettat li jippermetti li f’ certi kazi l-atti jigu regolarizzati u jsib applikazzjoni tieghu fi l-proviso tas-sub inciz 1[a] tal-artikolu 789 tal-Kap.12 li jesigi li n-nullita’ tigi sanata fejn dan hu permess bil-ligi.

Illi premess juri bic-car u b’ mod inkonfutabbli li kemm il-ligi statutorja fl-Artikolu 789, kif ukoll il-gursiprudenza patrija, jesigu li dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ atti gudizzjarji issir biss ghal ragunijiet gravi, meta l-kontro parti ser issofri pregudizzju rreparabbli u l-posizzjoni ma tistax tigi sanata bis-sahha tal-jus superveniens. Cirkostanzi li huma assenti ghal kollox fil-kaz prezenti. Huma assenti, ghax fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni s-socjeta’ kienet debitament rapprezentata f’ Malta, kif ukoll ghax fil-mori tal-kawza, wara li l-istess rapprezentant telaq minn Malta, gie nominat mandatarju specjali fil-persuna tad-

difensur taghha;  u ghalhekk fl-ebda mument ma jista' jinghad li s-socjeta' konvenuta sofriet pregudizzju, wisq anqas irreparabbli !.

In fine, fid-dawl tal-eccezzjoni li c-citazzjoni odjerna hija nulla, hija relevanti l-osservazzjoni maghumla minn din il-Qorti fil-kaz Registratur tal-Qorti vs Joseph Muscat[4] fis-sens li "ma jidher li mkien fil-ligi ma tinsab komminata espressament in-nullita' ta' l-att minhabba nullita' tal-prezentata, ghaliex id-difett tal-prezentata ma jistax jirrendi l-att nieqes minn partikolarita' sostanzjali preskritta mill-ligi [PA. [MCC] Victor Henry Debono et vs Onor. Dr. Vincent Tabone][5]  Il-kelma "partikolarita'" kif uzata fl-artikolu 789[1][d] tirreferi ghall-kontenut tal-att [tac-citazzjoni] bhal ma huma l-kawzali, l-oggett,u dawk l-elementi essenzjali kollha li l-ligi tippreskrivi.  Kien ghalhekk li n-nullita' tal-prezentata giet imfissra bhala "nullita' vritwali" kif kontrapposta ghan-"nullita essenzjali" msemmija fil-ligi."

Jizdied, multo magis, meta n-nuqqas ikun sanabbli u mhux ta' pregudizzju rrimedjabbli.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni billi tirrespingiha stante li hija nsostenibbli fattwalment u legalment.

Spejjez ta' dan il-gudizzju a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Citazz.257/00 [JRM] 1 ta' April 2003
[5] 14.Mejju 1970